KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Vincent Bonello – Vici Sindku
Carmen Borg - Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

*Misraħ il-Kunsill*
*Triq id-Duka t'Edinburgh*
*Ħamrun ĦMR 2063*
*hamrun.lc@gov.mt*

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta’ Seduta Nru 54 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

### 55.2 Ittri ta’ Apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-ittra ta’ apoloġija mill-Viċi Sindku Vincent Bonello u l-Kunsilliera Carmen Borg u Jurgen Grixti li nfurmaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet ta’ mard u safar rispettivament.

Il-Kunsill approva l-ittri ta’ apoloġija.

### 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku Christian Sammut infurma li l-Kunsill huwa nfurmat li ltaqa’ l-Kumitat tal-Awtorita tal-Ippjanar, dwar l-applikazzjoni għal AC Milan Social Club, fejn ma sabu l-ebda oġġezzjonijiet fuq ħafna affarijiet, iżda l-ikbar diffikulta li hemm u li fuqha qed issir Objection hija li dan is-social club irid joħloq 10 parking spaces u f’din l-area diġa hemm problema kbira fl-akwata. Barra minhekk hemm Objection oħra dwar l-ispazju li qed jintalab għal din is-social club.

55.3.2 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li l-cameras ta’ Ġnien Oreste Chircop qed jaħdmu u diġa nqabdu xi nies. Se jintbagħtu ittri ta’ avviz lir-residenti sabiex titqajjem kuxjenza.

55.3.3 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-leaflets ta’ Greenpak bdew jitqassmu izda ma tqassmux kullimkien. Is-Sindku qal li mal-Maltapost kellna diversi problemi u fil-fatt din it-tqassima kienet offruta bla ħlas.

55.3.4 Is-Sindku Christian Sammut infurma li x-xogħlijiet fi Pjazza Kappillan Muscat reġgħu bdew.

55.3.5 Dwar il-bankini ta’ Triq Giovanni Barbara, issa huma lesti. Sar xogħol fuq il-bankini fi Triq Mountbatten u San Ġorġ Preca fejn saret manutenzjoni quddiem l-entraturi tal-blokki tal-flats.

55.3.6 Is-Sindku nfurma li l-Kunsillier Antonello Cuschieri rtira l-mozzjoni li preżenta fl-aħħar Seduta. Dan għal fatt li matul dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm tibdil fit-tmexxija amministrattiva tal-Għassa tal-Pulizija u jidher li hemm komunikazzjoni aħjar. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Antonello Cuschieri sabiex jipprepara punti għal-laqgħa mas-Supretendent li se ssir aktar tard.

55.3.7 Is-Sindku nfurma li l-wifi ta' fuq iz-zuntier, il-Kunsill ħaseb li l-Wifi kien tal-MCA iżda wara li saret site inspection, rriżulta li l-wifi huwa tal-Melita. Jidher li l-wifi jinsab installat f'dar privata, fejn hemm modem sabiex isaħħaħ il-wifi point ta' din il-kumpanija. Is-Sindku nfurma li f'dan l-istadju ma jista' jsir xejn.

55.3.8 Is-Sindku nfurma li fis-Seduta tal-Awtorita tal-Ippjanar li nżammet fl-24 t'Awwissu, l-Monument ta' Triq il-Kbira San Ġużepp ġie approvat.

**55.4 Tender Evaluation Boards**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Evaluation Reports dwar:

Tender for Legal Services

Tender for Accounting Services

Tender for the Upgrading of Pjazza San Pawl – kellna bid waħda iżda minħabba li ħalla xi rati vojta, t-tender awtomatikament taqa'.

Tender for the Resurfacing & pavement of Roads fejn kien hemm bidder wieħed, liema bidder huwa blacklisted minn Transport Malta. Għaldaqstant din taqa' awtomatikament.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Evaluation Reports.

**55.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' Ħlasijiet.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**55.6 Tfassil ta' Bye-Laws fil-Ħamrun**

**55.6.1** Tlajjar fit-toroq tal-Ħamrun

Is-Sindku Christian Sammut ta spjega tal-ħsieb għal din il-bye-law. Wara diskussjoni dwar bosta każi li qed jaffaċċaw ir-residenti tal-lokalita', l-Kunsill approva li tinbeda l-proċedura sabiex tinħareġ u tidħol fis-seħħ din il-Bye-Law.

## 55.6.2 Konsum ta' Xorb Alkohiku fit-toroq tal-Lokalita'

Is-Sindku Christian Sammut spjega l-ħsieb għal din il-bye-law. Wara diskussjoni dwar bosta każi li qed jaffaċċaw ir-residenti tal-lokalita', l-Kunsill approva li tinbeda l-proċedura sabiex tinħareġ u tidħol fis-seħħ din il-bye-law.

## 55.7 Festa San Gejtanu 2018

Is-Sindku Christian Sammut qal li bħas-snin l-imgħoddija l-festa kienet festa tajba ħafna fejn l-għaqdiet ħadmu bi sħiħ f'għaqda waħda sabiex kellna festa mill-aqwa.

Is-Sindku nfurma li din is-sena kien hemm problemi bil-bars, kiosks u stands tat-toys, fejn ħadu ħafna spazju u saħansitra kellna bars li ramaw speakers u ndaqqet mużika għolja.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din is-sena kien hemm abbużi anke mill-imwejjed tal-Qubbajt fejn dawn ramaw imwejjed bil-ħelu (mhux tradizzjonali)

Is-Sindku Christian Sammut infurma dwar l-issue li nqalgħet dwar l-armar tal-bars mill-Każin tal-Partiti Politiċi u nfurma bil-laqgħa li nżammet bejn il-membri tal-kumitati tal-baned, każini politiċi u Pulizija tad-Distrett. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spejga li hu kien preżenti għal din il-laqgħa bħala President tal-każin Partit Nazzjonalista, fejn din il-laqgħa ġiet iddettata minn persuna waħda u ma kienx sewwa li kulħadd spiċċa jhedded li ma joħorġux il-baned.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spjega li l-għaqdiet kellhom id-dmir jirrispondu l-korrispondenza li bagħat sabiex tinstab soluzzjoni. Is-Sindku qal li l-ghaqdiet kienu tal-istess fehma, tant li ffirmaw ittra li jaqblu mad-deċiżjoni mehuda. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li l-bar tal-Każin PN kien ilu 18-il sena u qatt ma kien hemm inkwiet , biex imbagħad ġie mwaqqaf milli jarma.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ġibed l-attenzjoni li hemm zona oħra li sena wara sena toħloq problemi ta' mobilita' għall-baned.

Is-Sindku Christian Sammut spjega li hu kellu soluzzjonijiet oħra iżda ġaladarba l-Assistent Kummissarju ħa deċiżjoni ma setax jagħmel mod ieħor.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona sabiex jibdew taħdidiet dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku ssekonda din il-proposta u qal li huwa mportanti li titfassal policy adegwata sabiex tinstab soluzzjoni għad-diffikultajiet kolllha.

**55.8 Ġbir ta' Skart Organiku fil-Ħamrun**

Is-Sindku Christian Sammut infurma li kellu laqgħa ma' rappreżentanti ta' WastServ dwar l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iSkart Organiku fil-lokalita', fejn mill-31 t'Ottubru se tiġi ntrodotta din il-ġabra.

Is-Sindku spjega li l-ġbir tal-borża s-sewda għandu jiġi ridott għall-tlett darbiet fil-ġimgħa biss.

Is-Sindku ppreżenta Draft ta' Skeda ta' Ġbir kif ġej;

It-Tnejn – Organiku u Borża s-Sewda
It-Tlieta – Skart Riċiklat
L-Erbgħa – Organiku
Il-Ħamis – Borża Sewda
Il-Ġimgħa – Organiku
Is-Sibt – Borża Sewda
Il-Ħadd – XEJN

Is-Sindku talab il-proposti tal-membri sabiex tinħareġ l-Iskeda finali sabiex jiġu nnotifikati r-residenti.

**55.9** Is-Sindku nfurma li fi Triq Mile End inħolqot problema kbira b'xi imħażen li qed ibiegħ xkejjer tal-ġibs, fejn qed tinħoloq konġestjoni sħiħa b'vannijiet u trakkijiet li jiġu jgħabbu u jħottu b'detriment għar-residenti.

Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill sabiex issir verifika jekk dan jistax jopera minn triq residenzjali.

**55.6** Is-Sindku Christian Sammut infurma li qed jinħadem Marketing Plan sabiex issir promozzjoni tac-Chocolate Festival 2018.

**55.7 Komunikazzjoni – Sotto Kumitati**

**55.7.1** Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li nhar il-Ħamis 13 ta' Settembru fis-6.30p.m. se ssir iċ-ċerimonja tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal. Din l-attivita' se tibda' b'Quddiesa u wara jinqara Mission Statement mit-tfal. Waqt l-offerti se jittellgħu statwi tal-qaddisin li jirrapreżentaw lill-Ħamrun.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li saret laqgħa mal-ġenituri tat-tfal li se jiffurmaw parti minn dan il-Kunsill, liema ammont huwa ta' 17.

**55.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Settembru 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tlieta 18 ta' Settembru 2018***

***Iffirmata***
Christian Sammut
Sindku

***Iffirmata***
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv